# Lord Gort – Tifkiriet u Fatti

**Kitba ta' Joyce Guillaumier**




Kien it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 1940 meta d-Duce, Benito Mussolini, ħabbar lill-folla miġbura fi Piazza Venezia li l-Italja kienet ħadet deċiżjoni li ma setghetx tmur lura minnha u li kienet iddikjarat gwerra kontra dawk il-qawwiet tal-Punent, jiġifieri l-Gran Brittanja u Franza, li kienu ilhom jheddu l-eżistenza tal-poplu Taljan. Din l-aħbar kienet ilha mistennija anke f'pajjiżna ghalkemm dawk li kienu jxaqilbu lejn l-Italja kienu jsostnuu li *ħutna Taljani* fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Baħar Mediterran ma kinux se jaslu biex jattakkar lil pajjiżna.

Il-Maltin li semgħu din l-aħbar qatt ma mmaġinaw x'kien se tfisser il-gwerra għal kull wieħed u waħda minnhom. Qatt ma setgħu jimmaġinaw minn xiex kienu se jgħaddu qabel mat-Tieni Gwerra Dinjija ntrebħet mill-alleati fl-1945 u ħajjithom setgħet bil-mod terġa' taqbad it-triq tan-normalità. Pajjiżna kien tħarbat u tfarrak. Ħajjiet intilfu, familji nqerdu u bini ġġarraf. Tant kienet kbira s-sofferenza li s-Sovran Brittaniku kien ħass il-ħtieġa i jonora l-pajjiż kollu bil-*George Cross* biex jingħata għarfien lill-poplu kollu għall-eroiżmu u devozzjoni li *għandhom jibqgħu magħrufa fl-istorja*. Kien il-Gvernatur Dobbie li rċieva l-messaġġ mingħand ir-Re George VI nhar il-15 ta' April. 1942, iżda sakemm iċ-ċerimonja uffiċjali ta' l-għoti ta' l-onorifiċenza setgħet tinżamm fil-Pjazza tal-Palazz, il-Ħadd 13 ta' Settembru ta' l-istess sena, il-Gvernatur kien inbidel u issa kien il-Viskonti Gort, VC li laqa s-*citation* li nħarġet mill-Palazz mill-Kummissarju tal-Pulizija Joseph Axisa. Il-Gvernatur Gort min-naħa tiegħu ppreżenta l-*George Cross* lill-Unur Tiegħu Sir George Borg, il-Prim Imħallef, li rċevih f'isem il-poplu ta' Malta u d-dipendenzi tagħha bħala xhieda tal-qlubija fil-ġlieda tiegħu favur il-ħelsien.

Lort Gort laħaq gvernatur ta' Malta fl-agħar żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija. Wasal Malta fis-7 ta' Mejju, 1942 wara r-riżenja tal-Ġeneral Dobbie li telaq minħabba saħħtu. Il-wasla tiegħu f'pajjiżna kienet tipika tax-xenarju li kellu jħabbat wiċċu miegħu f'ħafna miż-żmien li għamel Malta. Wasal f'nofs ħbit mill-ajru u bomba waqgħet ħdejn id-dar f'Kalafrana fejn Sir William, Lady Dobbie u għadd ta' fizzjali għolja kienu qed jistennewh. Bħalma nsibu fil-ktieb *Malta: Blitzed But Not Beaten* ta' Philip Vella[1] inqala' intopp meta Gort kien se jieħu l-ġurament. Peter Paul Decesare, l-iskrivan tal-Kunsill tal-Gvern intebaħ li kien nesa l-Bibbja u għalhekk iċ-ċerimonja ma setgħetx tkompli. Is-sitwazzjoni ġiet salvata mill-Ġeneral Dobbie li ħareġ Bibbja żgħira mill-but tal-ġakketta ta' l-uniformi, u b'hekk kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid. Min jaf jekk kienx hemm żmien meta Gort iddispjaċih li Dobbie kellu Bibbja fuqu dakinhar!! F'Malta hu sab sitwazzjoni diżastruża. Kien hawn nuqqas ta' kull ħaga essenzjali. Il-Gżira lanqas kellha l-mezzi biex tiddefendi lilha nnifisnha. L-attakki



kienu kontinwi – l-għadu tefa' 17,000 tunnellata ta' bombi fuq pajjiżna[2] – u x-xnigħat ta' invażjoni imminenti m'għenux biex is-sitwazzjoni tkun ikkontrollata. Kien hawn ġuħ kbir tant li Lord Gort stqarr ma' Mons. Michael Gonzi, Isqof ta' Għawdex, li kien hemm ħtieġa ta' azzjoni drastika jekk il-pajjiż kien se jsalva. Meta l-Isqof Gonzi reġa' lura Għawdex, hu, flimkien ma' George Ransley, Kummissarju għal Għawdex, dahar l-irziezet kollha Għawdxin biex iħajjar lill-bdiewa jibagħtu l-qamħ żejjed li kellhom. Dan seħħ, u s-sitwazzjoni f'Malta tjebet għal ftit. Il-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija fil-15 ta' Awissu ġab tama ġdida u rriġenera l-ispirtu tal-poplu li kien wasal biex jaqta' qalbu.

Fl-20 ta' Ġunju, 1943, kwazi sena eżatt wara l-wasla ta' Lord gort f'pajjiżna, il-Maestà Tiegħu, ir-Re George VI għamel żjara qasira f'Malta. Il-merħba li ngħata kienet enormi. Ir-re seta' jara b'għajnejh stess il-ħerba li kienet ġabet il-Gwerra. Daħal il-Belt qalb folol iċapċpu u jgħajtu. Meta wasal fil-Palazz, ir-Re pprezenta l-*baton* ta' *Field Marshal* lill-Gvernatur Gort. Fi triqtu lejn il-Palazz Verdala fejn Gort kien qed joqgħod, ir-Re, flimken ma' l-*entourage* tiegħu għadda minn għadd tar-rħula fejn intlaqa' bit-tfigħ tal-fjuri *"quite detrimental to my white uniform"*[3] stqarr ir-Re. *A very strenuous day but a very interesting one to have spent.*[4] Qabel ħalla Malta dak il-lejl stess ir-Re George VI stqarr li kien l-iktar bniedem ferħan f'Malta dakinhar.

Ir-rispett li Lord Gort kien igawdi fost il-Maltin deher ċar meta fit-12 ta' Marzu, 1944 hu ġie ppreżentat b'***Sword of Honour*** bħala sinjal ta' rispett u rikonoxximent. Bħalma nsibu fil-kitba ta' John galea li dehret fil-ktieb speċjali ta' tifkira[5] fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-għoti tax-Xabla ta' Ġieħ lil Lord Gort, kien il-Każin Banda San Filep li fil-bidu tas-sena 1944 kien issuġġerixxa lill-każini u Għaqdiet oħra ta' Malta u Għawdex biex issir stedina lil Lord Gort ħalli jirċievi rigal taħt forma ta' *Sword of Honour*. Dan fil-fatt seħħ fi Pjazza San Filep Ħaż-Żebbuġ quddiem ħafna mistiednin distinti fosthom l-Arċisqof, Mons. Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali, Dun Luret Callus, president tal-każin u president tal-Kumitat Organizzattiv flimkien mal-Prof. Philip Farrugia u s-Sur Pawl Zammit, *chairman* u segretarju ta' l-istess kumitat. Kien hemm ukoll kapijiet tas-servizzi u tal-Gvern Ċivili, kif ukoll rappreżentanti ta' 65 każin tal-banda Maltin u Għawdxin. Ħamsin sena wara din l-okkażjoni speċjali, il-Ħamis 2 ta' Ġunju, 1994, il-Kumitat tal-Banda San Filep fakkar dan l-avveniment bi programm vokali u strumentali bil-parteċipazzjoni tal-banda Żebbuġija li kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Michael Ciantar. Fost ix-xogħlijiet ipprezentati nsibu **Lord Gort**, *suite* ta' l-istess surmast direttur. Is-serata kienet taħt il-patroċinju ta' l-Eċċ. Tiegħu Ugo Mifsud Bonnici, li kien President tar-Repubblika. F'dik l-okkażjoni kienet ippreżentata Xabla ta' Ġieħ biex tinżamm fil-każin.

Imma min kien Lord Gort li tant qanqal rispett f'dawk kollha li ħadmu miegħu fiż-żmien terribbli tat-Tieni Gwerra Dinjija?

**John Standish Surtees Prendregast Vereker**, is-**6 Viskonti Gort** kien *commander-in-*

*chief* tal-Qawwa Spedizjonarja Brittanika fl-Ewropa tal-Punent fix-xhur ta' qabel l-evakwazzjoni minn Dunkirk. Kien Lord Gort li kellu jiffaċċja t-tattiċi diżastrużi tal-*blitzkrieg* Ġermaniż.



John Gort, iben il-5 Viskonti Gort, twieled fl-1886 f'familja aristokratika Anglo-Irlandiża, u wara li attenda Harrow daħal fl-Armata. Meta ggradwa minn Sanhurst ingħaqad mal-*Grenadier Guards* fl-1905, tliet snin wara li wiret it-titlu Irlandiż mingħand missieru u b'hekk sar magħruf bħala s-6 Viskonti Gort. Sa l-1914 meta bdiet l-Ewwel Gwerra Dinnija kien diġà laħaq kaptan. Matul il-gwerra hu ssemma disa' darbiet fid-*dispatches*. Ingħata *The Military Cross*, *The Distinguished Service Order*, u fl-1918 rebaħ il-*Victoria Cross* għall-kuraġġ fenomenali li wera.

Fil-perjodu ta' bejn iż-żewġ gwerer, għallem fi *Staff College* u fl-1925 kurunell. Fl-1930 sar *commander* tal-*Guard Brigade* u sitt snin wara sar *commander* ta' *Staff College*, pożizzjoni li żamm sa l-1939. Għamluh ġeneral fl-1937.

B'rekord militari hekk impressjonanti, ma kienet sorpriża għal ħadd meta laħaq *commander-in-chief* tal-Qawwa Spedizjonarja Brittanika li fl-1940 marret Franza u l-Belġju. Ix-xorti xejn ma daħket lil din il-Qawwa, iżda kulħadd kien konvint li ma kien hemm ħadd li seta' jmexxi aħjar minnu, għalkemm kien hemm min ikkritika t-tattiċi li uża waqt l-evakwazzjoni tat-truppi minn Dunkirk. Kienu 300,000 is-suldati li rnexxielhom jiġu evakwati lejn l-Ingilterra. Kien f'dan il-perjodu li ssejjaħ lura l-Ingilterra fejn sar ADC tar-Re George VI. Eventwalment laħaq gvernatur ta' Ġibiltà (1941-42) u gvernatur ta' Malta, (1942-44) u wara kien il-kummissarju għoli fil-palestina. Baqa' f'din il-pożizzjoni sa l-1945 meta ġie ddikjarat Viskonti bl-istess titlu iżda fil-Lista Nobbiljarja Ingliża.



Lord John Gort miet f'Marzu, 1946. Wara mewtu, it-titlu Irlandiż għadda għand kuġinuh, iżda dak Ingliż intilef minħabba li miet bla tfal.

L-iskrizzjoni li kien hemm fuq ix-Xabla ta' Unur tixhed l-imhabba u rispett li gawda fiż-żmien li dam f'pajjiżna. L-iskrizzjoni kienet tgħid hekk:

*Presented by the Band and Allied Clubs in Malta and Għawdex, interpreters of the People's admiration, gratitude, devotion ad love to H.E. Field-Marshal The Viscount Gort, V.C., their Leader and Govenor during the Second Siege of Malta*[6]

[1] Chapter 14 pg.132.
[2] Ibid., Chapter 13 pg.123.
[3] Ibid., Chapter 20 pg.186, line 2.
[4] Ibid., lines 4-6.
[5] Tifkira tal-50 anniversarju mill-għoti tax-*Xabla ta' Ġieħ* lil Lord Gort 1944-1994, ippubblikat mill-Każin Banda San filep 1994.
[6] Ibid., Chapter 22 pg.201.